# L-ISTORJA TA' GERUSALEM

Il-għorrief ta' żminijietna jgħidu li Ġerusalem kellha l-bedu tagħha minn ftit djar mibnijin fuq ilsien ta' art, bejn żewġ widien, qrib għajn ta' l-ilma li kienet ġewwa għar f'qiegħ il-wied. Dawk in-nies li kienu jgħixu f'dawk id-djar darba waħda ġew imkeċċijin min-nies aqwa minnhom li, fil-Kotba ta' l-Għaqda l-Qadima, huma msemmijin Kangħanin, meta daħlu fil-Palestina qrib it-3,000 sena qabel it-twielid ta' Kristu. L-għorrief saru jafu dan mill-ħafna għodod u fuħħâr ta' Żmien il-Ħaġar u ta' Żmien il-Bronż li nstabu f'dawk l-inħawi.



*Il-Għar mudlam, li ġewwa fih tinsab il-għajn tal-ilma li bis-saħħa tagħha nbniet Ġerusalem.*

Din il-belt ċkejkna, min-naħa tal-Lvant, kienet imħarsa mill-wied ta' Kedron, u min-naħa tal-Punent, mill-wied ta' Tiropeon. Minn wied sa wied, fuq il-lsien ta' l-art, aktarx kien hemm xi sur.

L-ewwel isem li kellha din il-belt kien Uru-Salim. Xi elfejn sena qabel Kristu, jidher li din il-belt kienet waqgħet f'idejn l-Amorrin, taqsima ta' nies minn dawk li kienu jgħidulhom Jebusin. L-Amorrin kabbru l-belt min-naħa ta' fuq ta' dak il-lsien li semmejna qabel, u dawruha kollha kemm hi b'sur qawwi. F'nofs il-belt bnew akropli li semmewh Sijon u għamlu fih altar, jew maqdes, u dar għas-sultan. Imbagħad minn ġewwa l-belt ħaffru mogħdija taħt l-art għall-għajn ta' l-ilma biex ma jmutux bil-għatx jekk jiġu mdawwrin mill-għedewwa.

Għall-ħabta tas-sena 1400 qabel Kristu, din il-belt kienet taħt il-ħakma ta' Fargħun ta' l-Eġittu; in-nies tagħha kienu mħallta u s-sultan kien jismu Għabed Ħbîba, min-nisel tal-Ħittîn. Meta l-Lhud daħlu fil-Palestina s-Sultan ta' Uru-Salim kien jismu Adoni-Sedeq u, fit-taqbida ta' meta "waqfet ix-xemx", ġie megħlub u maqtul minn Ġoswè. Imma l-belt kienet qawwija u, għalkemm bla sultan, Ġoswè ma setgħax jeħodha.

Meta David laħaq sultan tal-Lhud xi 1,000 sena qabel Kristu, wara li għaqqad in-nies tiegħu kollha f'ġens wieħed, ried jieħu wkoll Uru-Salim biex jagħmilha l-qalba tad-Din u tal-ġens tiegħu kollu. B'dana kollu ma setax jeħodha lil dik il-belt u, fl-aħħar, ħadha b'taqriqa għax il-Lhud intebħu bil-mogħdija ta' l-ilma moħbija taħt l-art, u Joab, il-ġeneral ta' David, daħal minnha bis-suldati u ħa l-belt għall-għarrieda.

Meta David qabad Uru-Salim, bil-għajnuna ta' Hiram, sultan tal-Kan-

għanin, bena palazz għalih fl-akropli ta' Sijon u saħħaħ is-swar tal-belt. Imbagħad ġieb hemm l-Arka tal-Għaqda minn Karjat-Jarim u bena altar fuq l-andar ta' Ornan il-Hitti, minn fejn David kien ra l-Anġlu tal-Mulej wieqaf fuq il-għolja taż-Żejtun.

Wara David laħaq sultan Salamûn ibnu. Dan raġa' kabbar il-belt u meddha aktar min-naħa ta' fuq għal fuq il-għolja tal-Morja, dejjem bejn iż-żewġ widien ta' Kedron u ta' Tiropeon. Wara ftit Salamun wetta l-quċċata tal-għolja tal-Morja u bena fuqha tempju 'l Alla, palazz għalih u qorti għall-kbarât ta' ma dwaru. Imbagħad, bena belt ġdida fil-punent tal-Morja u, biex jgħaqqadha mall-belt il-qadima, mela biċċa ġmiela mill-wied ta' Tiropeon. Din il-biċċa tal-wied mimli baqgħet tissemma "Milla" jiġifieri l-*mimlija*. Dan kien l-isbaħ żmien ta' Uru-Salim għax, kif miet Salamûn, il-Lhud in-



*Palestina — Il-maqgħad bejn żewġ widjien, fejn inbnew l-ewwel djar ta' Ġerusalem.*

qasmu fi tnejn, il-Jeħudin u l-Israelîn u Ġerusalem bdiet sejra lura. Bdew jaħbtu għaliha daqqa l-Israelîn, daqqa l-Eġizzjani, drabi l-Filistîn u drabi oħra l-Għarab tal-Trans-Ġordanja.

Fir-rokna tas-swar, bejn it-Tempju ta' Salamun u l-belt il-ġdida, kienu nbew ħafna djar. Għalhekk Hezekija, is-sultan tal-Jehudîn (727-698), meta sama' li l-Assurin kienu ġejjin jaħbtu għal saltnatu, bena sur ieħor in-naħa ta' fuq u għalaq dawn id-djar il-ġewwa minnu. Ftit fuq mitt sena wara, ġie Nabukodonosor u ħabat għal Ġerusalem u għelibha u seraq kull ma kien fih it-Tempju u ġarraf is-swar u ħa kotra kbira mill-poplu lsiera lejn il-Babilonja. Dawn l-ilsiera imbagħad, ġew meħlusin min Kiru, sultan tal-Persja, u ħallihom imorru Ġerusalem. Meta marru hemm, reġgħu bnew it-Tempju u, wara, bis-saħħa tal-ħakem Nehemija, fis-sena 432 qabel Kristu, reġgħu bnew is-swar. Fis-sena 332, Ġerusalem ittieħdet minn Skandar il-Kbir; wara mewtu l-belt għaddiet taħt il-ħakma tal-werrieta tiegħu, l-ewwel it-Tolomîn ta' l-Eġittu u mbagħad is-Selewkin tas-Surija. Wara, fis-sena 170 qabel Kristu, ġie żmien ikraħ fuq Ġerusalem. Antijokju Epifân IV ġie Ġreusalem għaliex, kif qal hu, hemmhekk kienet sa ssir tixwixa u niġġes it-Tempju; sentejn wara qabbad lill-Apollonju biex iħott is-swar tal-belt, ħataf il-fortezza ta' Akra u kabbarha, u żamm fiha s-suldati Surijin u l-Lhud il-miċħudin. Hemm inqala' Matatija li beda jħarrax lin-nies għal dawk li kienu jaħqruhom. Ġuda l-Makkâbi ħabat għas-Surijin u għelibhom; ħâ Ġerusalem u saffa t-Tempju. Ġonata qabad il-fortezza ta' Akra u ġigħel lis-Surijin jitilqu minn Ġerusalem. Dan ġara għall-ħabta tas-snin 161-143 qabel Kristu. Taħt Xmun il-Makkâbi, li kien il-Ħâkem ta' Ġerusalem, din il-belt reġgħet ħâdet ir-ruħ. Imma, wara l-mewt ta' Xmun, fis-sena 78-70 qabel Kristu, iż-żewġt aħwa Aristoblu u Hirkânu, iġġieldu u, biex ma

jħalluhomx jitqatlu bejniethom fis-sena 63, il-ġeneral ruman Pompej ħa Ġerusalem. Fis-sena 37 ir-Rumani għamlu sultan tal-Palestina lil Erodi l-Kbir mill-Idumeja li kien ħabib tagħhom.

Erodi bena ħafna djar kbar f'Ġerusalem. Bena palazz għalih fuq il-għolja tal-punent tal-belt u qrib il-palazz għamel tliet ibrâġ kbar li kien jisimhom Hippikus, Fasael u Mariamne. Kabbar ukoll il-fortizza Baris fuq r-riħ tat-Tempju, u semmiha "Antonia"; bena t-Tempju mill-ġdid akbar u isbaħ milli kien qabel. Ftit xhur qabel ma miet dan Erodi twieled Ġesù ġewwa Betlehem, qrib Ġerusalem.

Wara Erodi, ibnu Arkelaw laħaq sultan tal-Jehudija, imma dan, għall-kefrija tiegħu, fi-sena 6 wara Kristu, ġie mkeċċi u l-Jehudija, b'Ġerusalem, saret Provinċja Rumana b'ħâkem Rumân. Fis-sena 37 w.K., meta telaq Pilatu, il-Jehudija reġgħet ingħatat lill-Agrippa li kien bin-iben Erodi l-Kbir. Agrippa, fis-sena 43, bena sur ieħor, li jiġi r-raba' wieħed, biex jagħlaq id-djar l-ġodda li kienu nbnew n-naħa ta' fuq tal-belt.

Wara Agrippa, il-Jehudija ingħatât mill-ġdid lill-ħakkiema minn Ruma. Wieħed minn dawn, Gessju Floru, kien kiefer wisq mal-Lhud u hekk




*Pjan ta' Ġerusalem kif kienet fi żmien Kristu.*

(1) *Iċ-Ċenaklu.* (2) *Id-dar ta' Kajjafa.* (3) *Qorti tas-Sanhedrin* (4) *Menqa ta' Hezekija* (5) *Id-dar tal-Makkabin.* (6) *Fortizza "Antonia".* (7) *Menqa tal-Għul* (8) *Il-menqa l-qadima* (9) *Menqa ta' Silwan* (10) *Menqa tan-Nagħaġ.*

ġegħlhom iqajmu tixwixa. Vespasjan mar irażżanhom u warajh mar ibnu Titu li għeleb lil-Lhud. Imbagħad ir-Rumâni ħarqu t-Tempju u waqqgħu s-swar u l-bini ta' Ġerusalem, barra mill-palazz ta' Erodi u t-tliet ibraġ.

Il-Lhud, wara xi żmien, reġgħu qajmu tixwixa oħra għar-Rumani. B'mexxej tagħhom kellhom wieħed Lhudi li kien jismu Bar-Kokba u li kien igħid li hu l-Messija. Il-Lhud, għall-ewwel, żammew jiebes, imma r-Rumani bagħtu ġiebu għadd kbir ta' suldati mis-Surija u bihom taħnu lil-Lhud fi żmien qasir. Dan ġara fi żmien l-Imperatur Adrijân, fis-sena 133 w.K. Adrijân raġa' bena Ġerusalem bħala belt pagana, semmiha *Aelia Kapitolina* u ma ħalliex li jidħlu fiha l-Lhud.

Fis-sena 313 l-Imperatur ta' Ruma Kostantin, tagħa l-ħelsien lill-Knisja Nisranija u bena Bażilka kbira f'Betlehem, fejn twieled Ġesù, u oħra fejn Ġesù miet. U hekk beda żmien ġdid għal Ġerusalem. Imma, fis-sena 614, meta Ġerusalem kienet fl-isbaħ tagħha, marru jaħbtu għaliha, għall-għarrieda, l-Persîn li ħarqu u ħarbtu u serqu kull ma sabu. Aktar minn 62,000 ruħ minnhom ġew maqtulin u 3,000 tfal, bniet u subien, ta' bejn 5 u 12 il-sena, kienu meħudin minnhom lejn il-Persja. Wara li l-Persîn kienu telqu, dawk l-Insâra li kienu ħelsuha reġgħu bdew isewwu l-belt, imma qabel ma laħqu temmew xogħlhom, fis-sena 638, il-Għarab Misilmin ħadu Ġerusalem. Ta' min imma jsemmi li dawn il-Misilmin ma kienux ħorox mall-Insara.

Wara l-Għarab "Ummajjin" ħakmu l-Palestina l-Għarab "Għabbâsin". Għall-ħabta tas-sena 807, il-Ħalif ta' Bugdâd, Harûn ir-Raxîd, bħala turija ta' qima, bagħat l-imfietaħ tal-Qabar ta' Kristu lill-Imperatur Karlumanju. Imma, fis-sena 1010, il-Ħalif Ħakem, li kien miġnun, ġiegħel li jkunu meqruda l-knejjes kollha ta' l-Insara li kien hemm fil-Belt Imqaddsa. Fil-1099 is-suldati tas-salib, jew il-Kroċjati, ħadu lil Ġerusalem, imma mbagħad, fil-1187, dawn ġew imkeċċijin minn l-Għarbi Saleh id-Din. Fil-1219 Ġerusalem ġiet imneżżgħa mis-swar u l-knejjes tagħha mġarrfa, barra mill-Qabar ta' Kristu. Imbagħad sar ftehim ta' għaxar snin bejn l-Imperatur Nisrani Federik II u s-Sultan ta' l-Eġittu "Melek-el-Kâmel" u l-Insara reġgħu tħallew jidħlu f'Ġerusalem. Imbagħad, fil-1244, l-Insara kollha ġew meqrudin mill-Karixmin. Is-slaten Memlukin, Cirkassin u Torok li, wieħed wara l-ieħor ħakmu l-Palestina, ilkoll kienu, ftit jew wisq, għedewwa ta' l-Insara ta' Ġerusalem, l-aktar ta' dawk li kienu mnisslin min-nies ta' l-Ewropa. Fl-aħħar, fid-9 ta' Diċembru 1917, il-qawwiet Ingliżi qabdu l-Ġerusalem u t-Torok kellhom jaħarbu minnha ħin bla waqt u ma għamlu ebda ħsara fil-Belt Imqaddsa.

L-insara kollha ferħu għax Ġerusalem reġgħet ġiet taħt il-ħakma ta' l-Ewropej. Imma il-ferħ tagħhom kellu ħajja qasira, għax fis-sena 1948, fit-30 ta' Ġunju, fis-1 ta' wara nofs inhar, l-Ingliżi, minn rajhom, telqu mill-Palestina u l-Belt Imqaddsa ta' Ġerusalem sefgħet taħt idejn il-Għarab u l-Lhud.

DUN ANTON TABONE